IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.11.2013
COM(2013) 781 final

2013/0387 (CNS)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## li temenda d-Deċiżjoni 2002/546/KE fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħha

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li japplika għar-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-UE, u li jinkludu l-Gżejjer Kanarji, fil-prinċipju ma jawtorizza l-ebda differenza bejn it-tassazzjoni ta' prodotti lokali u t-tassazzjoni ta' prodotti minn Spanja jew minn Stati Membri oħra. Madanakollu, l-Artikolu 349 tat-TFEU (li qabel kien l-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE) jistipula l-possibbiltà ta' introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi għal dawn ir-reġjuni minħabba l-eżistenza ta' diffikultajiet permanenti li jħallu impatt fuq il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali tar-reġjuni l-iktar imbiegħda.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/546/KE tal-20 ta' Ġunju 2002[1], adottata abbażi tal-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE, tawtorizza lil Spanja biex, sal-31 ta' Diċembru 2011, tapplika eżenzjonijiet mit-taxxa magħrufa bħala 'Arbitrio sobre Importaciones y Entregas de Mercancías en las Islas Canarias' (minn hawn 'il quddiem 'AIEM') jew tnaqqasha għal ċerti oġġetti li huma prodotti lokalment fil-Gżejjer Kanarji. L-Anness tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jipprovdi l-lista tal-prodotti li għalihom jistgħu japplikaw l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis fit-taxxa. Id-differenza fit-tassazzjoni bejn il-prodotti manifatturati lokalment u l-prodotti l-oħra ma tistax taqbeż il-5, il-15 jew il-25 punt ta' perċentwali, skont il-prodott.

Id-Deċiżjoni 2002/546/KE tispjega r-raġunijiet tal-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi, li jinkludu l-iżolament, il-materja prima u d-dipendenza enerġetika, l-obbligu li jinżammu ħażniet, id-daqs żgħir tas-suq lokali u l-livell baxx tal-attività ta' esportazzjoni. Flimkien, dawn l-iżvantaġġi jfissru żieda fil-kosti tal-produzzjoni, li twassal għal żieda fil-prezzijiet ta' prodotti lokali li, mingħajr miżuri speċifiċi, ikunu anqas kompetittivi meta mqabbla ma' prodotti minn postijiet oħrajn, anke jekk jitqiesu l-ispejjeż biex dawn l-oġġetti jiġu ttrasportati lejn il-Gżejjer Kanarji. Dan ifisser li huwa ferm aktar diffiċli li tinżamm il-produzzjoni lokali. Il-miżuri speċifiċi li huma koperti mid-Deċiżjoni 2002/546/KE ġew għaldaqstant imfassla bil-għan li tissaħħaħ l-industrija lokali billi ssir iżjed kompetittiva.

L-AIEM hija taxxa indiretta tal-Istat fi stadju wieħed fuq il-provvisti ta' oġġetti fil-Gżejjer Kanarji imħallsa mill-produtturi tal-oġġetti u fuq l-importazzjoni fit-territorju tal-Gżejjer Kanarji ta' prodotti paragunabbli jew oġġetti simili tal-istess tip, irrispettivament minn fejn oriġinaw. Il-bażi taxxabbli għall-merkanzija importata hija bbażata fuq il-valur doganali, u dik tal-provvisti tal-oġġetti minn produtturi fil-Gżejjer Kanarji hija bbażata fuq l-ammont totali tal-kumpens. Il-miżuri speċifiċi koperti mid-Deċiżjoni 2002/546/KE jistabbilixxu forma ta' tassazzjoni differenzjata, li tibbenefika l-produzzjoni lokali ta' ċerti prodotti. Dan il-benefiċċju fuq it-taxxa jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li teħtieġ l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, li ngħatat permezz tad-Deċiżjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat NN 22/2008.

Il-kriżi ekonomika globali tal-2009, li wasslet għal tnaqqis fl-ivvjaġġar, kellha konsegwenzi serji fuq l-ekonomija tal-Gżejjer Kanarji, li tiddipendi ħafna fuq id-dħul mit-turiżmu. B'mod partikolari, it-tnaqqis ta' ħaddiema fis-settur tat-turiżmu wassal għal żieda sostanzjali fir-rata tal-qgħad fil-Gżejjer Kanarji. Ir-rata tal-qgħad, li fil-perjodu bejn l-2001 u l-2007 varjat bejn l-10,4 % u t-12%, telgħet għal 17,3 % fl-2008 u għal 26,2 % fl-2009. Din l-evoluzzjoni tikkonferma l-periklu ta' ekonomija li hija dipendenti ħafna fuq it-turiżmu u l-ħtieġa li tiġi promossa diversifikazzjoni fl-attivitajiet ekonomiċi.

Fis-16 ta' Novembru 2010, Spanja ressqet talba quddiem il-Kummissjoni biex testendi l-perjodu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2002/546/KE b'sentejn, sabiex id-data tal-iskadenza

[1] ĠU L 179, 9.7.2002, p.22-27

tkun tikkoinċidi ma' dik tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013[2].

Barra minn hekk, Spanja introduċiet ukoll talba għall-estensjoni b'sentejn tal-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat NN 22/2008. Skont din id-Deċiżjoni, l-għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet Spanjoli, fir-rigward tal-AIEM, kienet kompatibbli mas-suq komuni. Il-Kummissjoni awtorizzat din l-estensjoni għal sentejn permezz tad-Deċiżjoni tagħha dwar l-Għajnuna mill-Istat SA 31950 (N 544/2010)[3], li estendiet il-perjodu tad-Deċiżjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat NN 22/2008 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Fir-rigward tat-talba għall-estensjoni tal-perjodu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2002/546/KE, il-Kummissjoni vvalutatha fid-dawl tad-daqs tal-iżvantaġġi li jaffettwaw lill-Gżejjer Kanarji u waslet għall-konklużjoni li kien iġġustifikat li tagħti l-estensjoni mitluba..

Fil-fatt, ir-rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-arranġamenti speċjali dwar it-taxxa AIEM applikabbli għall-Gżejjer Kanarji, li ġie adottat fit-28 ta' Awwissu 2008, ikkonferma li l-AIEM kienet qiegħda taħdem b'mod sodisfaċenti u ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jsiru emendi għad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2002/546/KE.

Għaldaqstant, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 895/2011/UE tad-19 ta' Diċembru 2011[4] emendat id-Deċiżjoni 2002/546/KE, billi estendiet il-perjodu ta' applikazzjoni tagħha sal-31 ta' Diċembru 2013.

L-awtoritajiet Spanjoli talbu li jiġġeddu r-regoli speċjali tal-AIEM għal oġġetti prodotti fil-Gżejjer Kanarji għall-perjodu 2014-2020, permezz ta' emenda tal-lista ta' prodotti u r-rati massimi applikabbli għal xi wħud minnhom. It-tiġdid jeħtieġ li jiġi approvat kemm b'Deċiżjoni tal-Kunsill taħt l-Artikolu 349 tat-TFUE kif ukoll b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat.

Fit-28 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni adottat Linji Gwida ġodda dwar l-għajnuna reġjonali għall-perjodu 2014-2020[5]. Dawn il-Linji Gwida huma parti minn strateġija usa' biex jiġi mmodernizzat il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat, bil-għan li jitrawwem it-tkabbir fis-Suq Uniku billi jiġu nkoraġġiti miżuri ta' għajnuna aktar effettivi u l-infurzar tal-Kummissjoni jkun iffokat fuq il-każijiet li għandhom l-ikbar impatt fuq il-kompetizzjoni.

Meta wieħed jikkunsidra li dawn il-Linji Gwida ser jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2014, jidher iġġustifikat li l-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2002/546/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 895/2011/UE, jiġi estiż għal sitt xhur, biex b'hekk id-data tal-iskadenza tkun tikkoinċidi mad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Linji Gwida.

Id-Deċiżjoni 2002/546/KE kif emendata bid-Deċiżjoni 895/2011/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

## 2. IR-RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Id-Direttorati Ġenerali relevanti tal-Kummissjoni Ewropea ġew ikkonsultati dwar din il-proposta u d-dokument kien rivedut biex jinkorpora s-suġġerimenti li ngħataw.

2 ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13.
3 ĠU C 237, 13.8.2011, p. 1.
4 ĠU L 345, 29.12.2011, p. 17.
5 ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1.

Peress li l-proposta preżenti tipproponi biss li testendi l-applikazzjoni ta' Deċiżjoni eżistenti tal-Kunsill għal perjodu limitat ta' żmien (sitt xhur), għall-istess prodotti u bl-istess limiti, ma jidhirx li hija meħtieġa valutazzjoni tal-impatt.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

**Sommarju tal-miżuri proposti**

Li jiġi estiż il-perjodu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2002/546/KE (kif emendata bid-Deċiżjoni 895/2011/EU) li tawtorizza lil Spanja biex tapplika eżenzjonijiet tat-taxxa magħrufa bħala AIEM fuq ċerti oġġetti li huma prodotti lokalment fil-Gżejjer Kanarji, jew tnaqqis minnha.

**Bażi ġuridika**

L-Artikolu 349 tat-TFUE:

**Prinċipju tas-sussidjarjetà**

Huwa biss il-Kunsill li għandu s-setgħa li jadotta, abbażi tal-Artikolu 349 TFUE, miżuri speċifiċi favur ir-reġjuni l-iktar imbiegħda għall-adattament tal-applikazzjoni tat-Trattati għal dawk ir-reġjuni, inklużi l-politiki komuni, minħabba d-diffikultajiet permanenti li għandhom impatt fuq il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali tar-reġjuni l-iktar imbiegħda.

Għaldaqstant, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

**Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

L-għan tagħha huwa li testendi l-perjodu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2002/546/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 895/2011/UE, għal sitt xhur, u b'hekk id-data tal-iskadenza tkun tikkoinċidi mad-data tad-dħul fis-seħħ tal-linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020.

Kwalunkwe estensjoni oħra tiġi awtorizzata biss wara li ssir analiżi ġdida prodott bi prodott.

**L-għażla ta' strument:**

L-istrument li qed jiġi propost: Deċiżjoni tal-Kunsill.

Strumenti oħrajn ma jkunux adegwati minħabba r-raġuni li ġejja:

It-test li huwa s-suġġett tal-emenda huwa fih innifsu Deċiżjoni tal-Kunsill, adottata fuq l-istess bażi ġuridika (l-Artikolu 349 tat-TFUE, li qabel kien l-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE).

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea.

2013/0387 (CNS)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni 2002/546/KE fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħha**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 349 (li qabel kien l-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[6],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/546/KE tal-20 ta' Ġunju 2002[7], adottata abbażi tal-Artikolu 299 tat-Trattat tal-KE, tawtorizza lil Spanja biex, sal-31 ta' Diċembru 2011, tapplika eżenzjonijiet mit-taxxa magħrufa bħala 'Arbitrio sobre Importaciones y Entregas de Mercancías en las Islas Canarias' (minn hawn 'il quddiem 'AIEM') jew tnaqqasha għal ċerti oġġetti li huma prodotti lokalment fil-Gżejjer Kanarji. L-Anness tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jipprovdi l-lista tal-prodotti li għalihom jistgħu japplikaw l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis fit-taxxa. Id-differenza fit-tassazzjoni bejn il-prodotti manifatturati lokalment u l-prodotti l-oħra ma tistax taqbeż il-5, il-15 jew il-25 punt ta' perċentwali, skont il-prodott.

(2) L-eżenzjonijiet u t-tnaqqis fl-AIEM jistabbilixxu tassazzjoni differenzjata, li tibbenefika l-produzzjoni lokali ta' ċerti prodotti. Din tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li teħtieġ l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 895/2011/UE tad-19 ta' Diċembru 2011[8] emendat id-Deċiżjoni 2002/546/KE billi estendiet il-perjodu tal-applikazzjoni tagħha sal-31 ta' Diċembru 2013.

(4) Fit-28 ta' Ġunju 2013 il-Kummissjoni adottat il-Linji Gwida tagħha dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-perjodu 2014-2020[9], li jispjegaw kif l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna lill-kumpaniji sabiex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' reġjuni żvantaġġati fl-Ewropa bejn l-2014 u l-2020. Dawn il-Linji Gwida, li se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2014, jiffurmaw parti minn strateġija usa' biex jiġi mmodernizzat il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat, bil-għan li jitrawwem it-tkabbir fis-Suq Uniku billi

[6] ĠU C , , p. .
[7] ĠU L 179,9.7.2001, p. 22
[8] ĠU L 345, 29.12.2011, p. 17.
[9] C (2013) 3769, 28.6 2013.

jiġu nkoraġġiti miżuri ta' għajnuna aktar effettivi u l-infurzar tal-Kummissjoni jkun iffokat fuq il-każijiet li għandhom l-ikbar impatt fuq il-kompetizzjoni[10].

(5) Huwa ġġustifikat li l-perjodu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2002/546/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 895/2011/UE, jiġi estiż għal sitt xhur, biex b'hekk id-data tal-iskadenza tkun tikkoinċidi mad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020.

(6) Id-Deċiżjoni 2002/546/KE kif emendata bid-Deċiżjoni 895/2011/KE għandha tiġi emendata skont dan.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2002/546/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 895/2011/UE, id-data "31 ta' Diċembru 2013" tiġi sostitwita bid-data "30 ta' Ġunju 2014".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

[10] COM/2012/0209 finali.